MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT
## AARON BUGEJA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014

Numru. 119/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**Vs**
**Vincenzo Bottaro**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 1 ta' Frar, 2014 fil-konfront ta' Vincenzo Bottaro, iben Carmelo u Lucifora nee' Salvatrice, imwieled fis-26 ta' Ottubru, 1991 gewwa Vittoria, Italja, residenti 18, Pat, Flat 1, Triq il-Knisja, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita' Taljana AR 3205826.

L-imputat akkuzat talli:

Fl-1 ta' Frar, 2014 ghal habta tal-05.30 am f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' mobile phone u oggetti ohra ghad-detriment ta' Jane Zammit u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-'valur' li ma jeccediex l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), 'hin' u bil-'lok'.

Talli f'Malta xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Talli rrifjuta jaghti, jew ta' falz lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra.

Talli f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, meta b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta nhar id-19 ta' April, 2013, gie kkundanat ghal piena ta' 9 xhur prigunerija liema perjodu ta' prigunerija gie sospiz ghal perjodu ta' 3 snin.

Finalment talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi matul is-seduta tal-1 ta' Frar 2014 l-Ufficjal Prosekutur qara bil-gurament l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u waqt l-ezami ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat wiegeb, inter alia, li mhux hati tal-istess imputazzjonijiet. Sussegwentement il-Qorti ghaddiet biex tibda tisma' l-provi f'dan il-kaz.

Rat ukoll li matul is-seduta tal-24 ta' Frar 2014, l-Ufficjal Prosekutur talab lill-Qorti sabiex jimmodifika l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat kif ukoll izid imputazzjoni ma dawk li diga gew kontestati lill-imputat;

Rat li d-difiza m'opponietx ghal tali modifika u zieda;

Rat li b'riferenza ghall-ewwel imputazzjoni l-Ufficjal Prosekutur talab li jitnehha l-aggravju tal-"lok", filwaqt li zied l-imputazzjoni ohra fis-sens li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-imputat kien jinstab fi stat ta' sokor f'lok pubbliku jew miftuh ghal pubbliku b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu;

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u halef mill-gdid l-imputazzjonijiet kif mibdula u mizjuda u l-Qorti ordnat li jsir l-ezami mill-gdid tal-imputat ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392(1) tal-Kodici Kriminali. L-Ufficjal Prosekutur iddikjara wkoll li t-tieni imputazzjoni kienet qeghda tigi kontestata lill-imputat bhala alternattiva ghall-ewwel wahda;

Rat li matul l-ezami mill-gdid tal-imputat skont kif inghad aktar il-fuq, l-istess imputat iddikjara ruhu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra teighu skont kif mibdula u specifikati mill-Ufficjal Prosekutur matul l-istess seduta;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammisjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jerga lura minnha. Wara li gie moghti ftit taz-zmien u gie mistoqsi jekk hux ser jerga lura mill-ammissjoni tieghu, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u skont kif specifikati mill-Ufficjal Prosekutur matul l-istess seduta.

Il-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-proces, rat id-dokumenti ezibiti, hadet konjizzjoni tax-xiehda tax-xhieda li lahqu xehdu, semghet lil-partijiet jittrattaw fuq il-piena li ghandha tigi inflitta f'dan il-kaz u ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodici Kriminali qeghda tghaddi biex tghati s-sentenza minnufih.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, il-Qorti :

(a) fid-dawl li skont l-Ufficjal Prosekutur, it-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni; izda

(b) wara li rat l-Artikoli 17(d), 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 334(a), 338(c), 338(ff), kif ukoll l-Artikoli 28A sa 28F, 49, 50 u 289, kollha tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq l-ammissjoni tieghu stess, issib lill-imputat **Vincenzo Bottaro**, recidiv f'delitti, hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlief ghat-tieni imputazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, **tikkundannah ghal-piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' tlettax il-xahar millum**;

(c) inoltre, jirrizulta pruvat li l-imputat ikkommetta dan ir-reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza skont kif jidher minn zewg sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta datati 3 ta' Dicembru 2011 u 19 t'April 2013 u ghalhekk wara li rat l-Artikolu 28B(1) tal-Kodici Kriminali **tordna li s-sentenza ta' prigunerija imsemmija f'dawn is-sentenzi tibda ssehh u ghalhekk qeghda tirrendi l-kundanna ta' disa xhur prigunerija bhala effettiva**

(d) u tordna lir-registratur sabiex ai termini tal-Artikolu 28B(5) jaghmel dawk in-notament mehtiega fir-registru specjali imsemmi fl-Artikolu 28A(8) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------